

Brussell, 25 ta' Awwissu 2017
(OR. en)

11733/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0163 (COD)

AUDIO 92
CULT 97
CADREFIN 88
RELEX 707
CODEC 1326

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Lulju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 385 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 385 final.

Mehmuż: COM(2017) 385 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.7.2017
COM(2017) 385 final

2017/0163 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa
Kreattiva (2014 sa 2020)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO) twaqqfet fl-1976 wara Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew¹ u ilha ddoqq f'isem l-Unjoni Ewropea għal dawn l-aħħar 40 sena. Il-President Onorarju tagħha huwa l-President tal-Parlament Ewropew u l-patruni onorarji huma l-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri, immexxija mill-President tal-Kummissjoni Ewropea.

L-EUYO hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġh mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità. Din tgħaqqad flimkien lil mużiċisti żgħażaġh mill-Ewropa b'ħafna talent f'orkestra Ewropea ta' klassi dinjija li tmur lil hinn mill-konfini kulturali.

Mit-twaqqif tagħha, l-EUYO kellha rwol uniku fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, tar-rispett reċiproku u tal-fehim permezz tal-kultura. Din daqqet fil-bliet u fil-festivals ewlenin fl-Ewropa u madwar id-dinja, f'għadd ta' ambjenti formali u informali, b'formati tradizzjonali u innovattivi kif ukoll tekniki għal udjenzi differenti. Permezz tal-attivitajiet tagħha, l-EUYO aġixxiet ta' ambaxxatur kulturali għall-Unjoni billi serviet ta' vetrina tar-rikkezza u tad-diversità tal-kulturi Ewropej u tat-talenti emerġenti.

Bħala grupp ta' mużiċisti żgħażaġh mill-aqwa li jaħdmu flimkien biex jiksbu livell għoli ħafna ta' spetaklu tal-orkestra, l-EUYO hija orkestra unika fix-xena Ewropea li sservi ta' vetrina tal-mużika u tat-talenti Ewropej għal udjenzi differenti fl-UE u lil hinn minnha.

Fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja bosta sfidi u hteġa li tkun eqreb taċ-ċittadini tagħha, l-EUYO saħansitra għandha rwol ferm iktar importanti x'taqdi biex twassal il-valuri fundamentali tal-Ewropa, tibni pontijiet bejn il-persuni permezz tal-mużika klassika u tilħaq lill-ġenerazzjoni iktar żaġżuġha fl-Ewropa billi tgħaqqad flimkien lil mużiċisti żgħażaġh tal-mużika klassika minn sfondi differenti permezz ta' kunċerti u ta' skemi ta' mentoraġġ.

Il-finanzjament mill-UE huwa essenzjali għas-sopravvivenza tal-EUYO bħala korp li jippromwovi l-valuri Ewropej, id-diversità u t-talent taż-żgħażaġh. Mingħajr dan l-appoġġ, kieku ma tkunx tista' tkun involuta f'dawn l-attivitajiet ta' għoti tas-setgħa u l-mużiċisti żgħażaġh ikollhom jiċċaħdu mill-opportunità unika li jdoqqu fuq livell internazzjonali, jibnu l-karrieri tagħhom u jkomplu jiżviluppaw it-talent tagħhom iggwidati minn surmastrijiet rinomati. It-3000 mużiċist tagħha, li kollha kemm huma għaddew minn proċess annwali rigoruż ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha, iffurmaw netwerk ta' surmastrijiet, ta' solisti, ta' għalliema u ta' mużiċisti ta' mużika strumentali li jaħdem mal-orkestri ewlenin fid-dinja kollha.

Il-programm Ewropa Kreattiva u l-iskemi ta' finanzjament ta' qablu appoġġaw lill-EUYO b'diversi modi. Fl-2016, l-EUYO rċeviet għotja operattiva skont ir-Regolament (UE,

¹ Resolution on the motion for a resolution submitted by Mrs Kellett-Bowman on the formation of a European Community youth orchestra (Ir-Riżoluzzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni pprezentata mis-Sinjura Kellett-Bowman dwar it-twaqqif ta' Orkestra taż-Żgħażaġh tal-Komunità Ewropea) (GU C 79, 5.4.1976, p. 8).

Euratom) Nru 966/2012² bħala korp li jfittex li jilħaq għan ta' interess ġenerali tal-UE jew li għandu objettiv li jiffirma parti mill-politika kulturali tal-UE u jappoġġaha. Fl-2017, se tiġi ffinanzjata bl-istess mod.

Sabiex tiġi żgurata l-attività kontinwa tal-EUYO u fid-dawl tal-istatus speċifiku, tal-objettivi strateġiċi u tal-attivitajiet tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li din tiġi rikonoxxuta bħala "korp identifikat minn att bażiku" skont it-tifsira tal-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012³ u li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013⁴ jiġi emendat skont dan.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 fir-rigward tas-sottoprogramm kulturali tal-Ewropa Kreattiva u għaldaqstant hija bbażata fuq l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Sussidjarjetà

Skont l-Artikolu 167 tat-TFUE, l-Unjoni trid tieħu azzjoni biex tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri. Peress li l-objettivi u l-attivitajiet tal-EUYO jmorru lil hinn mill-interess u mill-benefiċċju individwali ta' wieħed mill-Istati Membri jew iktar u billi l-EUYO inħolqot bħala riżultat ta' Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, hemm komplementarjetà ċara fil-proposta li din tiġi stabbilita bħala korp identifikat minn att bażiku skont it-tifsira tal-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012. L-attivitajiet tagħha jiġġeneraw valur miżjud Ewropew sinifikanti.

• Proporzjonalità

L-emenda proposta hija limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi. Din hija limitata għal bidliet sabiex tiġi inkluża referenza għall-EUYO fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1295/2013.

3. RIŻULTATI TAL-VALUTAZZJONI EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fir-rebbiegħa tal-2016, bħala parti minn kampanja pubblika (SaveEUYO) b'risq l-EUYO, li kienet qed tiffaċċja problemi finanzjarji li kienu qed jheddu l-eżistenza tagħha, għadd ta'

² Ara l-Artikolu 121(1)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221).

partijiet ikkonċernati mill-oqsma tal-kultura u tal-mużika esprimew l-appoġġ tagħhom b'mod pubbliku fi stqarrijiet għall-istampa u fil-kuntatti mal-Kummissjoni. L-Istati Membri (b'mod partikolari fil-Kunsill tal-Ministri tal-Kultura f'Mejju tal-2016) u l-Membru tal-Parlament Ewropew appoġġaw l-idea li tinstab soluzzjoni għall-finanzjament tal-EUYO.

Fid-dawl tal-ambitu limitat tal-emenda li ġiet proposta, li fiha nnifisha ma għandha l-ebda impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali sinifikanti, ma hemmx bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt jew ta' konsultazzjoni ulterjuri.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-finanzjament għall-EUYO se jiġi mill-pakkett finanzjarju eżistenti tal-programm Ewropa Kreattiva u mhux se jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE. Id-“dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva” mehmuża turi l-implikazzjonijiet għall-baġit u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa li juru n-newtralità baġitarja ta' din l-inizjattiva.

5. ELEMENTI OĦRA

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tipproponi:

- li tinstab soluzzjoni legalment soda u trasparenti biex jiġi żgurat appoġġ sostenibbli għall-EUYO, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiki speċifiċi tagħha, billi tiġi rikonoxxuta bħala “korp identifikat minn att bażiku” skont it-tifsira tal-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012;
- kif ukoll li jiżdied punt (f) ġdid fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013 skont dan.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 167(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ stabbilixxa l-programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) biex jiġu appoġġati s-setturi kulturali u kreattivi Ewropej.
- (2) L-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO) hija magħmula minn mużiċisti żgħażaġh li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità permezz ta' proċess annwali rigoruż ta' udjenza bi prova li jsir fl-Istati Membri kollha.
- (3) L-EUYO tgħaqqad flimkien lil mużiċisti żgħażaġh mill-Ewropa b'ħafna talent f'orkestra Ewropea ta' klassi dinjija li tmur lil hinn mill-konfini kulturali. Mit-twaqqif tagħha, din kellha rwol uniku fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, tar-rispett reċiproku u tal-fehim permezz tal-kultura. B'hekk, l-EUYO aġixxiet ta' ambaxxatur kulturali għall-Unjoni billi serviet ta' vetrina tar-rikkezza u tad-diversità tal-kulturi Ewropej u tat-talenti emerġenti. Ikkontribwiet ukoll għaċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet mużikali Ewropej u għall-mobbiltà tat-talenti żgħażaġh Ewropej lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u Ewropej, filwaqt li tat l-opportunità lil mużiċisti żgħażaġh biex ikomplu

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347/221, 20.12.2013, p. 221).

jibnu l-karrieri tagħhom u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom iggwidati minn surmastrijiet rinomati.

- (4) L-attivitajiet tal-EUYO huma konformi mal-objettivi tal-programm Ewropa Kreattiva u mal-objettivi speċifiċi tas-sottoprogramm kulturali.
- (5) L-EUYO twaqqfet fl-1976 wara Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew⁸ u għaldaqstant hija unika fost l-orkestri fl-Ewropa. Minħabba l-istatus speċifiku, l-objettivi strateġiċi u l-attivitajiet tagħha, l-EUYO tikkwalifika bħala “korp identifikat minn att bażiku” skont it-tifsira tal-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012⁹. Għalhekk, l-għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għal proposti.
- (6) Għaldaqstant jenħtieġ li l-EUYO tiġi inkluża fost il-miżuri li jibbenefikaw minn appoġġ mis-sottoprogramm kulturali.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013, jiżdied il-punt (f) li ġej:

“(f) l-Orkestra taż-Żgħażaġħ tal-Unjoni Ewropea.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁸ Resolution on the motion for a resolution submitted by Mrs Kellett-Bowman on the formation of a European Community youth orchestra (Ir-Riżoluzzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni pprezentata mis-Sinjura Kellett-Bowman dwar it-twaqqif ta’ Orkestra taż-Żgħażaġh tal-Komunità Ewropea), GU C 79, 5.4.1976, p. 8.

⁹ Ir-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Modalità/ijiet ta' ġestjoni ppjanata/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB¹⁰

ATTIVITÀ/AJIET EDUKATTIVI U KULTURALI: EWROPA KREATTIVA

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹¹**
- x Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**
- Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. *L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Il-programm se jkun ta' kontribut għall-Istrateġija Ewropa 2020 (COM(2010) 2020, 3.3.2010) permezz:

- (a) tat-trawwim tas-salvagwardja u tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea; u
- (b) tat-tiŝih tal-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi bl-għan li jiġi promoss it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Objettivi speċifiċi:

- (a) l-għoti ta' appoġġ għall-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej biex dawn joperaw b'mod transnazzjonali;
- (b) il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali ta' xogħlijiet u ta' operaturi kulturali u kreattivi u jintlaħqu udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn minnha;

¹⁰ ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġit ibbażat fuq l-attività.

¹¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- (c) it-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi; kif ukoll
- (d) l-appoġġ għall-kooperazzjoni fil-politiki transnazzjonali sabiex ikun hemm l-iżvilupp tal-politiki, l-innovazzjoni, it-tqanqil tal-interess tal-udjenza u mudelli ġodda tan-negozju.

Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i:

15.04 – Ewropa Kreattiva

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Tinstab soluzzjoni legalment soda u trasparenti biex jiġi żgurat appoġġ sostenibbli għall-EUYO, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiki speċifiċi tagħha, billi tiġi rikonoxxuta bħala “korp identifikat minn att bażiku” skont it-tifsira tal-Artikolu 190(d) tar-Regolament (UE) Nru 1268/2012 u billi l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013 jiġi emendat skont dan.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Peress li din l-emenda hija estensjoni tal-programm eżistenti Ewropa Kreattiva, din hija koperta mill-konsiderazzjonijiet fil-punt 1.4.4. tad-dikjarazzjoni finanzjarja għall-programm (COM(2011) 785 final).

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

L-iżgurar ta' appoġġ sostenibbli għall-EUYO.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

- mużiċisti żgħażaġh mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, li jintgħażlu skont kriterji eżiġenti ta' kwalità, jaħdmu flimkien f'orkestra Ewropea ta' klassi dinjija li tmur lil hinn mill-konfini kulturali;
- il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, tar-rispett reċiproku u tal-fehim permezz tal-kultura; kif ukoll
- it-turija tar-rikkezza u tad-diversità tal-kulturi Ewropej u tat-talenti emerġenti lil udjenzi differenti fl-UE u lil hinn minnha.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

L-EUYO ġiet appoġġata b'diversi modi mill-programm Ewropa Kreattiva u mill-iskemi ta' finanzjament ta' qablu. L-eċċellenza tagħha hija rikonoxxuta b'mod wiesa'. Madankollu, in-nuqqas ta' appoġġ sostenibbli kien ostaklu għall-iżvilupp ulterjuri tal-attivitajiet tagħha. Mingħajr dan l-appoġġ fil-livell tal-UE, kieku ma tkunx f'pożizzjoni li tkompli l-attivitajiet tagħha. B'hekk, l-Unjoni kieku titlef ambaxxatur kulturali importanti u l-mużiċisti żgħażaġh ikollhom jiċċaħdu mill-opportunità unika li jdoqqu fuq livell internazzjonali, jibnu l-karrieri tagħhom u jkomplu jiżviluppaw it-talent tagħhom iggwidati minn surmastrijiet rinomati.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Ma hemm l-ebda duplikazzjoni mal-attivitajiet iffinanzjati minn programmi oħra tal-Unjoni.

1.6.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- X Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020
- Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**
- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Modalità/ijiet ta' ġestjoni ppjanata/i¹²

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:
 - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
 - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
 - lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
 - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
 - lill-korpi tal-liġi pubblika;
 - lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
 - lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
 - *Jekk tiġi indikata iżjed minn modalità waħda ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

¹² Għad-dettalji dwar il-modalitajiet ta' ġestjoni u għar-referenzi għar-Regolament Finanzjarju, ara: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

Kummenti

[...]

[...]

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni hija responsabbli biex tiżgura li b'mod regolari jkun hemm monitoraġġ u evalwazzjoni esterna ta' proġetti ffinanzjati mill-programm Ewropa Kreattiva, inklużi l-attivitajiet tal-EUYO.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Peress li din l-emenda hija estensjoni tal-programm eżistenti Ewropa Kreattiva, din hija koperta mill-konsiderazzjonijiet fil-punt 2.2.1. tad-dikjarazzjoni finanzjarja għall-programm (COM(2011) 785 final).

2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Peress li din l-emenda hija estensjoni tal-programm eżistenti Ewropa Kreattiva, din hija koperta mill-konsiderazzjonijiet fil-punt 2.2.2. tad-dikjarazzjoni finanzjarja għall-programm (COM(2011) 785 final).

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' żball

[pm]

[pm]

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-Kummissjoni se tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi, permezz tal-irkupru ta' ammonti mħallsa bla bżonn u, jekk jiġu individwati xi irregolaritajiet, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-Kummissjoni hija awtorizzata li twettaq kontrolli u verifiki fil-post skont dan ir-Regolament, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96. Jekk ikun hemm bżonn, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) iwettaq investigazzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 3: Sigurtà u ċittadinanza	Diff./Mhux diff. ¹³	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁴	mill-pajjiżi kandidati ¹⁵	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	15 04 02 – Sottoprogramm kulturali – Sostenn ta' azzjonijiet transfruntiera u promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni u tal-mobbiltà transnazzjonali	Diff.	LE	LE	LE	LE ¹⁶

¹³ Diff.= Approprjazzjonijiet differenzjati; Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁴ L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁵ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

¹⁶ Il-linja baġitarja 15 04 02 hija linja baġitarja tal-PECO u tal-EFTA. L-azzjoni speċifika tal-EUYO mhijiex se tkun soġġetta għall-ftehim ma' dawn il-pajjiżi terzi.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

Il-finanzjament għall-EUYO se jiġi mill-pakkett finanzjarju eżistenti tas-sottoprogramm kulturali ta' Ewropa Kreattiva u mhux se jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	[3] Sigurtà u ċittadinanza
--	-------	----------------------------

DĠ: EAC			Sena N ¹⁷	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
•Approprijazzjonijiet operazzjonali										
		(1)								
		(2)								
15 04 02 – Ewropa Kreattiva – Sottoprogramm kulturali	Impenji	(1a)	0,600	0,600	0,600					1,800
	Pagamenti	(2 a)	0,480	0,600	0,600	0,120				1,800
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁸										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ EAC*	Impenji	=1+1a+3	0,600	0,600	0,600					1,800
	Pagamenti	=2+2a	0,480	0,600	0,600	0,120				1,800

¹⁷ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

¹⁸ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

		+3									
--	--	----	--	--	--	--	--	--	--	--	--

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,600	0,600	0,600						1,800
	Pagamenti	(5)	0,480	0,600	0,600	0,120					1,800
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)									
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURA <3> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,600	0,600	0,600						1,800
	Pagamenti	=5+6	0,480	0,600	0,600	0,120					1,800

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)									
	Pagamenti	(5)									
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)									
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	0,600	0,600	0,600						1,800
	Pagamenti	=5+6	0,480	0,600	0,600	0,120					1,800

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Miljuni ta' EUR (aġġustati '1 fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: EAC									
•Riżorsi umani		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				p.m.
•Nefqa amministrattiva oħra		p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				p.m.
TOTAL tad-DĠ EAC	Appropriazzjonijiet	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				p.m.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	p.m.	p.m.						p.m.
---	---	------	------	--	--	--	--	--	-------------

Miljuni ta' EUR (aġġustati '1 fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ¹⁹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet fl-INTESTATUR I 1 sa 5* tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,600	0,600	0,600					1,800
	Pagamenti	0,480	0,600	0,600	0,120				1,800

* Intestatura 5: Il-kostijiet għall-amministrazzjoni, inklużi r-riżorsi umani, se jiġu koperti bir-ridistribuzzjoni interna fid-DĠ EAC.

¹⁹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL			
	OUTPUTS																			
↓	Tip ²⁰	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIVI SPEĊIFIĊI (a) sa (d) ²¹ ...																				
- Output	Għotja operattiva	0,6	1	0,600	1	0,600	1	0,600												1,800
KOST TOTALI			1	0,600	1	0,600	1	0,600												1,800

Outputs

Għotja operattiva għall-EUYO

Struttura tal-kostijiet

²⁰ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

²¹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettivi speċifiċi"

Abbażi tal-esperjenza preċedenti fil-finanzjament tal-EUYO fil-livell tal-UE, b'mod partikolari fil-qafas tal-programm Ewropa Kreattiva, għotja operattiva xierqa għal din l-organizzazzjoni tammonta għal EUR 600 000.

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²²	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	----------------------	----------	----------	----------	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				
Nefqa amministrattiva oħra	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				
Sottototal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				

Barra mill-INTESTATURA 5²³ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Sottototal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.				
--------------	------	------	------	------	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b' appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien

²² Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

²³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni, jekk dan ikun meħtieġ, skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0,5	0,5	0,5	0,5			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
•Persunal estern (f'unità ekwivalenti għall-full-time: FTE)²⁴							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ²⁵	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	0,5	0,5	0,5	0,5			

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti minn persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ikun ġie ridistribwit fi ħdan id-DĠ, u jekk ikun meħtieġ, flimkien ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Implimentazzjoni tal-estensjoni tal-programm Ewropa Kreattiva
Persunal estern	

²⁴ AC = persunal kuntrattwali; AL = persunal lokali; END = espert nazzjonali sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JED= esperti subalterni fid-Delegazzjonijiet.

²⁵ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjega l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁶					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3			
Artikolu								

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

²⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.